# IL-QORTI ĠENERALI

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-18 ta' Jannar 2018 – Kenup Foundation *et* vs EIT**

**(Kawża T-76/15)** ([1])

***("Riċerka u żvilupp teknoloġiku — EIT — Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni Orizzont 2020 — Sejħa għal proposti għall-ħatra ta' Komunità ta' Konoxxenza u Innovazzjoni — Ċaħda tal-offerta tar-rikorrenti — Regolament (KE) Nru 294/2008 — Regolament (UE) Nru 1290/2013 — Delegazzjoni illegali ta' kompetenzi")***

(2018/C 072/39)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Kenup Foundation (Kalkara, Malta), Candena GmbH (Lunebourg, il-Ġermanja), CO BIK Center odličnosti za biosenzoriko, instrumentacijo in procesno kontrolo (Ajdovščina, is-Slovenja), Evotec AG (Hambourg, il-Ġermanja) (rappreżentanti: inizjalment U. Soltész, C. Wagner, H. Weiß u A. Richter, sussegwentement U. Soltész, H. Weiß u A. Richter, fl-aħħar nett U. Soltész u H. Weiß, avukati)

*Konvenuta:* L-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (EIT), (rappreżentanti: M. Kern, aġent, assistit minn P. de Bandt u M. Gherghinaru, avukati)

*Intervenjenti insostenn tar-rikorrenti*: Ir-Repubblika ta' Malta (rappreżentant: E. Perici Calascione, avukat) u Stiftung Universität Lüneburg (rappreżentant: F. Oehl, avukat)

**Suġġett**

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament tad-deċiżjonijiet tad-9 ta' Diċembru 2014, li s-sens tagħhom ġie kkomunikat b'ittra tal-10 ta' Diċembru 2014, li permezz tagħhom l-EIT ħatar il-Komunità ta' Konoxxenza u Innovazzjoni (KKI) "Innovazzjoni għal ħajja b'saħħitha u tixjiħ attiv" u ċaħad il-proposta magħmula mill-konsorzju Kenup.

**Dispożittiv**

1) *Id-deċiżjonijiet tad-9 ta' Diċembru 2014, li s-sens tagħhom ġie kkomunikat b'ittra tal-10 ta' Diċembru 2014, li permezz tagħhom l-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (EIT) ħatar il-Komunità ta' Konoxxenza u Innovazzjoni (KKI) "Innovazzjoni għal ħajja b'saħħitha u tixjiħ attiv" u ċaħad il-proposta magħmula mill-konsorzju Kenup, huma annullati.*

2) *L-EIT għandu jbati l-ispejjeż tiegħu kif ukoll dawk sostnuti minn Kenup Foundation, Candena GmbH, CO BIK Center odličnosti za biosenzoriko, instrumentacijo in procesno kontrolo u minn Evotec AG.*

---

([1]) ĠU C 146, 4.5.2015.